MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## ANTONIO MIZZI

Seduta ta' l-20 ta' Lulju, 2015

Appell Kriminali Numru. 19/2014

Il-Pulizija

vs

**Philip Camilleri**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Philip Camilleri quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli ghax-xahar ta' April, 2013 meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jaghti lil Maria Rosaria Camilleri u/jew lil uliedu s-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew ghall-ulied fi zmien 15 il-jum minn dak il-jum li fih skont dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-13 ta' Jannar, 2014 fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti sabet lill-imputat hati tal-akkuza dedotta kontra tieghu u ghaldaqstant ikkundannatu gimgha detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellanti Philip Camilleri minnu  pprezentat fit-22 ta' Jannar, 2014 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka u thassar is-sentenza appellata u minflok tapplika piena ta' multa minima possibbli fil-konfront tieghu.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

Illi l-piena lilu moghtija billi filfehma umli tieghu, l-Ewwel Qorti kellha timponi piena ta' multa biss partikolarment in vista tac-cirkostanzi prevalenti.

L-artikolu 338(z) tal-Kodici Kriminali jiddisponi illi -

"meta hekk ordnat minn xi qorti jew hekk marbut b'kuntratt jonqos li jaghti lil xi persuna, is-somma ffissata minn dik il-qorti jew stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghal dik il-persuna fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skont dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma: ... Izda wkoll meta l-hati jkun recidiv f'kontravvenzjoni taht dan il-paragrafu [enfasi mizjud] l-hati jista' jehel piena ta' detenzjoni ta' mhux izjed minn tliet xhur jew multa ta' mhux izjed minn mitejn euro jew prigunerija ghal zmien mhux izjed minn xahrejn;"

Huwa pacifiku li "s-sanzjoni, f'kaz ta' sejbien ta' htija taht l-artikolu 338(z), ghandha tkun dik kontemplata ghar-reati ta' natura kontravvenzjonali u ghandha tigi kalibrata skont il-gravita', ripetizzjoni u cirkostonzi ohra tal-kaz minn wahda ta' piena ta' detenzjoni ghal zmien ta' mhux
izjed minn xahrejn skond l-artikolu 7(2) u 12(1) tal-Kapitolu 9 (jew aktar f'kaz ta' reat kontinwat) ghall-inqas piena li hija dik to' canfira jew twiddiba (Art. 7(2) tal-Kapitolu 9)." - "Il-Pulizija vs Mark Bugeja", deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali kif ippreseduta mill-On. Imhallef Dr, David Sciciuna, fit-2 ta' Dicembru, 2005, Appell Numru: 193/2005 li jirrigwardja kaz dwar nuqqas ta' hlas ta' manteniment.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi fis-seduta tal-20 ta' Lulju, 2015 l-appellant hallas dak kollu u dan il-fatt ser jittihed in konsiderazzjoni fl-erogazzjoni tal-piena.

Ghaldaqstant, din il-Qorti tichad l-appell ta' Philip Camilleri u tikkonferma s-sentenza appellata. Dwar il-piena, thassar u tirrevoka l-piena ta' gimgha detenzjoni u minflok tillibera lill-appellant taht il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------